**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ**

**SEDUTA NRU. 6 – IL-ĠIMGĦA, 27 TA' FRAR 2015**

Il-Kumitat iltaqa' fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil-5:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maryanne Cuomo | *Chairperson* |
| | Evelyn Muscat | Membru |
| | Alfreda Abela | Membru |
| | Joe Micallef | Membru |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Roderick Debono | Skrivan |
| Skużata: | Maria Vella | Viċi *Chairperson* |

**1. APOLOĠIJI**

1.1. Il-laqgħa kienet infurmata li s-Sinj. Maria Vella kienet ma tiflaħx u għalhekk ma setgħetx tattendi.

**2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI**

2.1. Il-minuti tal-laqgħa numru 6 kienu meqjusa moqrija.

2.2. Wara kunsiderazzjoni l-minuti kienu approvati u ffirmati miċ-*Chairperson* u mis-Segretarju Eżekuttiv (SE).

**3. KOMUNIKAZZJONI MIĊ-*CHAIRPERSON***

3.1. Iċ-*Chairperson* infurmat li nhar id-29 ta' Jannar 2015 saret laqgħa bejn il-Perit Claire Vassallo, Perit ieħor, ċertu Patrick Cutajar flimkien ma' żewġ membri mill-Kumitat Amministrattiv, is-Sinj. Cuomo nfisha u s-Sinj. Muscat.

3.2. Il-laqgħa saret fil-Ġnien Santa Marija tal-Anġli. It-tema kienet in-nuqqasijiet li għad għandu dan il-ġnien.

3.3. Is-Sinj. Cuomo semmiet li saret lista bid-difetti kollha li ġew innotati. Hija żiedet tgħid li l-funtana waqfuha filwaqt li l-cameras ġew imdawra għall-pożizzjoni korretta iżda hemm xi cameras li huma miksura.

3.4. Is-Sinj. Cuomo rrimarkat li l-ġnien kien għadu bla dawl.

3.5. Finalment hija infurmat sewwa lill-Kunsill kif ukoll lill-membri tal-Kumitat li hemm individwu li ġie mqabbad apposta sabiex jieħu ħsieb il-lista tan-nuqqasijiet tal-ġnien u l-iżvilupp tagħhom.

3.6. Iċ-*Chairperson* insistiet sabiex il-Kunsill jagħmel ix-xogħol li kien mistenni li jagħmel.

**4. IL-BANKINA TA' TRIQ IT-TUNNARA**

4.1. Iċ-*Chairperson* ikkritikat kif ħadem il-kuntrattur il-għaliex fil-fehma tagħha ma tax każ tal-wiċċ tat-triq filwaqt li ħadem b'mod traskurat. Barra minn hekk hija qalet li ma ħax ħsieb inaddaf warajh.

4.2. Is-Sinj. Cuomo żiedet tgħid li kkawża xi inkonvenjenza lil xi residenti li joqogħdu fl-istess triq.

4.3. Is-SE qal li se jitkellem mal-Perit Cuschieri f'dan ir-rigward.

## 5. ĦARĠIET KULTURALI

5.1. Is-Sinj. Cuomo semmiet li l-aħħar ħarġa kulturali kienet suċċess.

5.2. Il-ġimgħa ta' qabel, is-Sinj. Muscat organizzat taħdida li trattat is-Saħħa Mentali. Din saret mis-Sur Mario Hili u għaliha attendew 12-il persuna.

5.3. Is-Sinj. Muscat qalet li se ssir ħarġa kulturali fis-17 ta' Marzu 2015. Din id-darba se jmorru jżuru l-Palazz tal-President. L-ewwel se ssir quddiesa fil-palazz stess fid-9:00am, segwita minn dawra mal-palazz u jispiċċaw b'ikla ħafifa. Il-quddiesa se jqaddiesa Fr Paul Attard.

5.4. Is-Sinj. Muscat qalet li l-qliegħ li se jkollhom minn din il-ħarġa kulturali sejjer għal *Malta Community Chest Fund*.

5.5. F'dan ir-rigward il-Kunsill ġie mitlub sabiex jibgħat avviż lil Fr Paul kif ukoll jibbukkja t-trasport għal din il-ħarġa.

## 6. IT-TURF FI ĠNIEN SANTA MARIJA TAL-ANĠLI

6.1. Is-SE qal li l-ħaddiem tal-Kunsill, Jurgen Attard, qal li hemm ammont sostanzjali ta' ħamrija x'titneħħa.

6.2. Is-Sinj. Cuomo talbet lill-Kunsill sabiex nistaqsu lill-kuntrattur ikkonċernat kemm se jieħu sabiex jagħmel ix-xogħol tat-turf komplut.

## 7. ĦWEJJEĠ OĦRA

7.1. Is-Sinj. Abela infurmat lill-membri tal-Kumitat li kellha laqgħa fejn ġie diskuss jekk l-attività Arts in The Park issirx jew le. Ir-raġuni ewlenija hija l-għaliex Triq il-Kosta mhix se tilħaq tkun lesta.

7.2. Is-Sinj. Abela żiedet tgħid li fil-laqgħa ġiet diskussa l-possibilità li ssir attività fi Frar 2016.

7.3. Għal din l-attività ssemmew diversi affarijiet sabiex jiġu inklużi, fosthom: it-talent lokali, gruppi ta' żeffiena, wirja ta' karozzi vintage, taħdidiet edukattivi, l-istudenti tal-MCAST tal-Arts & Design kif ukoll tal-I.T.S.

7.4. Is-SE ħareġ bl-idea li ssir wirja tax-xogħol tal-arti mit-tfal. Il-materjal użat ikun kartun, laned u materjal simili li faċilment jiġi akwistat bla spejjeż ta' xejn. Tal-idea wkoll li fl-isfond ta' dan, tindaq mużika mis-Sur Peter Paul Galea ta' Tribali.

7.5. Is-Sinj. Cuomo qalet li minkejja kollox, ma tixtiqx tabbanduna l-idea li l-attività Arts in the Park issir.

7.6. Is-Sinj. Cuomo rrimarkat li hemm bżonn xogħol ta' traqqigħ fi Triq is-Sikka, Triq Xatt il-Palm u oħrajn.

7.7. Iċ-*Chairperson* semmiet l-inkonvenjenza li qiegħda tiltaqa' magħha residenta bl-isem Marika Cutajar. Is-Sinj. Cutajar qalet li biex toħroġ minn Baħar iċ-Ċagħaq, ma ssib l-ebda problema; madankollu biex tidħol, issib diffikultà għaliex ikollha tgħaddi minn Triq Santa Klara. Dan għaliex din it-triq hija 2 way filwaqt li hija dejqa ħafna.

7.8. Is-Sinj. Cutajar kitbet lil Transport Malta. Transport Malta min-naħa tagħhom wiġbuha li Triq San Ġwann l-Evanġelista se tinfetaħ dalwaqt.

7.9. Is-Sinj. Abela semmiet it-tabella tal-isem tal-Ġnien fid-daħla ta' Baħar iċ-Ċagħaq li sfat maqlugħa u tinsab fil-ħaxix. Il-Kunsill ħa nota sabiex titneħħa.

7.10. Is-Sinj. Abela żiedet tgħid li kien hemm tabella ta' vleġġa fil-bidu ta' Triq Anton Manwel Caruana li m'għadhiex hemm. Il-Kunsill intalab sabiex jagħmel oħra.

Is-Sinj. Cuomo qalet li kien hemm min ġibed l-attenzjoni li f'Baħar iċ-Ċagħaq m'hemmx bus shelter. Hija tkellmet ma' Transport Malta u qalulha li għadha ma saritx għaliex hemm imnejn li ssir, imbagħad ftit jiem wara jkollha terġa tersaq. Ifisser li għal issa, se titħalla hekk, kif imbagħad ikun deċiż il-bus fare fejn se tiġi b'mod permanenti imbagħad isir shelter ukoll.

**8. DATA GĦAL-LAQGĦA LI JMISS**

8.1. Kien hemm qbil unanimu li l-laqgħa li jmiss issir nhar It-Tnejn 6 ta' April, 2015 għal-5:30pm.

8.2. Il-laqgħa ntemmet fis-7:00pm.

Mary Anne Cuomo
**Chairperson**

Paul Gatt Dip.Mgmt (Henley), MIM
**Segretarju Eżekuttiv**